MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1921/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurata taghha Karen Cassar Ruggier u l-istess Karen Cassar Ruggier.**

**vs**

**Francis Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta Settembru 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf mija u hdax il-lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm1111.455) rapprezentanti danni kagonati fil-vettura tal-attrici Karen Cassar Ruggier kwantu ghal Lm1103.40 u Lm8.05 kwantu ghal prezz ta survey u dana b'rizultat ta l-incident stradali li sehh fit-18 ta Gunju 2001 fi triq il-Bizbizija l-Mosta waqt li

l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta registrazzjoni RMS 025 u dahal gol vettura bin-numru ta registrazzoni TOM 511 proprjeta ta l-attrici Karen Cassar Ruggier u misjuqa minn Rudolph Cassar ghal liema ncident kien unikament responsabbli il-konvenut Francis Sammut kawza ta mprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-17 ta Lulju 2002 u ta l-ittra ufficcjali ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta Ottubru 2003 fejn bazikament huwa kkontesta t-talba tal-atturi fis-sens li huwa ma kellu ebda responsabbilita ghall-incident in kwistjoni;

Ra l-provi mressqa partikolarment il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa, PS 496 Godwin Borg u r-rapport imhejji minnu, s-surveyor Colin Cassar, l-attrici Karen Cassar Ruggier u mart l-istess konvenut oltre r-rapport maghmul mill-attur lill-pulizija tad-distrett a tempo vergine.

Ra d-digriet ta dan it-Tribunal fejn ordna li l-kawza bin-numru 2076/03 ghandha tigi rikjamata quddiemha u li l-provi f’din il-kawza ghandhom jigu meqjusa bhala validi u ammissibbli ghal kawza l-ohra precitata u cioe 2076/03.

Illi ghalhekk il-konsiderazzjonijiet li ser jigu maghmula aktar il-quddiem f’din is-sentenza ghandhom ukoll iservu ghall-kawza l-ohra 2076/03;

Ikkunsidra.

Illi l-incident in kwistjoni sehh bejn zewg vetturi li kienu miexjin fid-direzzjoni opposta ta xulxin u ghal xi raguni dawn laqtu lil xulxin minnghajr ebda sewwieq ma jaghti raguni cara kif spiccaw missew lil xulxin. Difatti z-zewg sewwieqa jinsistu li huma kienu qed isuqu fuq in-naha taghhom tat-trieq u li kien is-sewweiq l-iehor li gie fuq il-karreggjata tieghu..

Hemm diversi fatturi pero li jistghu jkunu sinifikanti ghaz-zewg nahat bhal per ezempju l-fatt li skond il-verzjoni moghtija a tempo vergine lill-Pulizija, il-konvenut donnu lanqas biss induna li kienet ser issehh il-kollizzjoni. Fil-fatt huwa gie rapportat ighid illi "*he heard a noise and realised that the collision occurred".* Fl-istess rapport donnu qed ighid ukoll li kien hu li mar vicin il-vettura l-ohra li kienet gejja mid-direzzjoni opposta u mhux bil-kuntrarju u cioe li ra l-vettura l-ohra tavvicina lilu. Inoltre l-istess konvenut ma jghidx sew meta jiddeskrivi l-incident fis-sens li fil-liwja, Rudolph Cassar kien dahal bi dritt fuqu fuq il-karreggjata tieghu. Tali deskrizzjoni ta l-incident ma hi kompatibbli xejn mal-hsarat kawzati fil-vettura tal-atturi stante li kemm is-sewwieq Rudolph Cassar, kemm is-surveyor Colin Cassar u kif ukoll l-istess hsarat fuq il-vettura tal-atturi jindikaw l-incident in kwistjoni bhala li ghaddew minn fejn xulxin bi sbrixxjatura. Difatti s-sewwieq Cassar in kontro-ezami jgid li "konna ghaddejna bi zbrixx ma xulxin".

Jigi notat pero li fuq il-post ta l-incident is-sewwieq Rudolph Cassar naqas li jindika lill-pulizija fejn kienu jew fejn suppost kienu l-frak tal-hgieg u l-istess pulizija jargumenta illi li kieku xi hadd minnhom gibidlu l-attenzjoni ghal dan jew ghal xi mera mal-art huwa kien jaghmel notament ta dan fir-rapport tieghu.

Illi huwa ferm importanti fil-fehma ta dan it-Tribunal li jigi kostatat dak li qal il-pulizija u l-konvenut fis-sens illi - t-trieq in kwistjoni hija wahda pjuttost wiesgha li t-trieq in kwistjoni hija wahda mimlija kurvaturi – rispettivament.

Gie notat ukoll li fiz-zewg kazijiet in ezami mhux qed jigi kontestat l-kwantum tal-hsara.

Illi in vista tal-premess ghalhekk u minn valutazzjoni tal-provi mressqa quddiemha, it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni li l-incident stradali in kwistjoni sehh minnhabba tortijiet imputabbli liz-zewg sewwieqa f'sehem indaqs bejniethom u dana il-ghaliex l-istess Tribunal huwa tal-fehma li z-zewg sewwieqa meta kienu qed isuqu vicin il-liwja in kwistjoni, t-tnejn ma rnexxilhomx izommu l-

vettura rispettiva taghhom kompletament fuq il-karreggjata taghhom fit-trieq pjuttost wiesgha minn fejn kienu ghaddejjin bil-konsegwenza li x'aktarx fuq bazi ta probabbilita resqu fejn xulxin fin-nofs tat-trieq u laqtu lil xuxlin go forma ta zbrixxjatura

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara liz-zewg sewwieqa bhala responsabbli f'sehem indaqs ghall-incident meritu ta din il-kawza u konsegwentment ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nofs is-somma rikjesta cioe l-ammont ta **Lm555.725** bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza filwaqt li l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------